**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL- GIMGHA 18 TA' JANNAR, 2002**

**Avviz Nru: 145/01 AJD**

**Is-Socjeta' estera 'The Performing Right Society Limited' ta' Londra, Ingilterra, kif lokalment rappresentata hawn Malta mill-agenti taghha Dingli Co. International Limited**

**vs**

**C.I. Square And Sons Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Frar, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici hlas ta' Royalty fl-ammont ta' hamsin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm50.39), kwantu ghal tlieta u erbghin liri Maltin u tnejn u tmenin centezmi (Lm43.82) Royalty u sitt liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm6.57) Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 9307 (Dok. A) rilaxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Milk Coffee Café ghall-perjodu mis-6 ta' Settembru, 2000, sal-5 ta' Settembru, 2001.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-30 ta' Novembru, 2000, u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-Avviz, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta' konvenuta fejn din eccepiet is-segwenti:-

1. Illi Joseph Farrugia gie notifikat bl-Avviz tas-Smiegh ta' din il-kawza.

2. Illi Joseph Farrugia, m'ghadx ghadu jifforma parti minn din is-socjeta' kummercjali u cioe' minn CI Square and Company Limited u dan ghal dawn l-ahhar erba' snin.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li t-talba kif dedotta m'hiex sostenibbli stante illi qieghda ssir a bazi ta' ftehim skadut.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici nominee prezentata fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2002, li biha cediet l-atti tal-kawza fir-rigward tas-sorte stante ftehim bejn il-partijiet, izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjes ta' din l-istanza.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**